Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Marcus Cachia)

vs

Rasool Muhammad Asad

**Kumpilazzjoni Numru:** 936/2024

**Illum, tnejn (2) ta' Dicembru, 2024**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Rasool Muhammad Asad** detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 305861A u passaport Pakistani bin-numru BS9801102.

Akkuzat talli nhar is-27 t'Ottubru 2024 u fix-xhur u snin ta' qabel gewwa dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Talli ghamel jew ipproduca jew ippermetta li jigi maghmul jew prodott xi materjal indecenti jew ipproduca, qassam, xerred, importa, esporta, offra, biegh, issupplixxa, ittrasmetta, ghamel disponibbli, akkwista ghalih innifisu jew ghal haddiehor, jew wera dak il-materjal indicenti u estrem ta' persuni ta' taht l-eta' ta' disa' snin kif ukoll l-istess materjal jaghti stampa ta' jew jirraprezenta persuna ta' taht l-eta involuta f'atti ta' bestjalita', brutalita sadizmu jew tortura;

2. Aktar talli fl-istess perjodu, lok, u cirkustanzi akkwista, xjentament access permezz ta' teknologiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni ghal, jew kellu fil pussess tieghu, xi materjal indicenti li juri, jaghti stampa ta' jew jirraprezenta xi persuna ta' taht l-eta' ta disa' snin;

3. Aktar talli, ghall-qligh, tqassim, jew ghall-wiri f'post pubbliku jew f'post accessibbli ghall-pubbliku, immanifattura, stampa

jew xort'ohra ghamel, jew dahhal f'Malta, jew akkwista, zamm, iccirkola jew esporta xi immagini pornografika estrema.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli 17, 18, 208A(1B), 208D(1) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni li giet ikkonfermata anke wara li l-imputat inghata zmien opportun sabiex jahsibha u stante li l-fedina penali tal-imputat li hija wahda netta, il-Qorti qed issib lill-imputat Rasool Muhammad Asad hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u

tikkundannah ghal tliet (3) snin prigunerija effettivi b'dan li tordna wkoll il-konfiska u d-distruzzjoni tal-oggetti esebiti in atti.

Inoltre l-Qorti timponi fuq l-imputat Ordni ta' Trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal tliet (3) snin, liema ordni ghandha tifforma parti minn din is-sentenza.

Finlament il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

---------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrati**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**